

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2008/2196(INI)

7.11.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar it-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċju ċentrali tal-kumpaniji
(2008/2196(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Harald Ettl

(Inizjattiva - Artikolu 39 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li, preżentament, l-impreżi jistgħu jittrasferixxu l-uffiċċju ċentrali tagħhom biss jekk jiddikjaraw xoljiment u joħlqu entità legali ġdida fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, jew jistabilixxu entità legali ġdida fl-Istat Membru ta' destinazzjoni u wara jgħaqqdu ż-żewġ impreżi; jinnota, barra minn hekk, li din il-proċedura tinvolvi ostakli amministrattivi, spejjeż u konsegwenzi soċjali u ma toffri l-ebda sikurezza legali; jitlob għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex, għaldaqstant, tippreżenta proposta li ilha biex issir mill-2005;
2. Jiġbed l-attenzjoni għal-libertà tal-istabbiliment li hija garantita għall-impreżi skont l-Artikolu 48 tat-Trattat tal-KE u li ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej¹;
3. Jinnota li t-trasferiment tal-uffiċċju ċentrali ta' kumpanija jimplika trasferiment ta' superviżjoni; jinnota li meta tiġi mfassla l-14-il Direttiva tal-Liġi dwar il-Kumpaniji dwar it-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċji reġistrati, ż-żamma tad-drittijiet eżistenti tal-azzjonisti, il-kredituri u l-ħaddiema għandha tkun garantita u li l-ekwilibrju eżistenti fil-ġestjoni tal-kumpanija ('il-governanza tal-kumpanija') għandu jiġi preservat;
4. Jipproponi li ssir referenza fid-Direttiva l-ġdida għad-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994, dwar it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew ta' proċedura bl-għan li l-ħaddiema fl-impreżi ta' skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impreżi fuq skala Komunitarja jkunu informati u kkonsultati² kif ukoll għad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata³, sabiex jiġu ggarantiti l-koerenza u l-elementi essenzjali tal-proċeduri ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-applikazzjoni tad-Direttivi Ewropej tal-Liġijiet dwar il-Kumpaniji;
5. Huwa tal-fehma li trasferiment tal-uffiċċju ċentrali għandu jsir wara li jiffassal pjan dwar it-trasferiment kif ukoll rapport fejn jiġu spjegati u jingħataw raġunijiet rigward l-aspetti legali u ekonomiċi kif ukoll il-konsegwenzi tat-trasferiment għall-azzjonisti u l-ħaddiema; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kemm il-pjan ta' trasferiment kif ukoll ir-rapport għandhom ikunu aċċessibbli fil-ħin għal dawk kollha involuti;
6. Jenfasizza l-effetti pożittivi tal-kompetizzjoni fiskali fuq it-tkabbir ekonomiku fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Liżbona;
7. Jinnota li t-trasferiment ta' uffiċċju ċentrali għandu jsir f'kundizzjonijiet fiskali newtrali;
8. Jissuġġerixxi li l-iskambju ta' informazzjoni u l-assistenza reċiproka bejn l-

¹ Sentenza tal-Qorti tad-9 ta' Marzu 1999 fil-Każ C-212/97, *Centros v Erhvervs- og Selskabsstyrelsen* [1999] ECR I-1459).

² ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64.

³ ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.

amministrazzjonijiet fiskali għandhom jittejbu;

9. Jitlob għal trasparenza fl-applikazzjoni tad-direttiva l-ġdida fl-Istati Membri u għalhekk jipproponi li l-Istati Membri jkollhom rekwiżit ta' rappurtar fil-konfront tal-Kummissjoni, u li b'konformità ma' dan, l-impriżi li jittrasferixxu l-uffiċċju ċentrali tagħhom skont id-direttiva jkollhom jtniżżlu f'reġistru Ewropew tal-kumpaniji; jindika li, fl-interess tat-tfassil aħjar tal-leġiżlazzjoni, għandha tiġi evitata l-informazzjoni żejda ("overkill") fit-traspożizzjoni tar-rekwiżit ta' rappurtar fil-liġi nazzjonali sakemm tkun iggarantita informazzjoni suffiċjenti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.11.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 16 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Paolo Bartolozzi, Zsolt László Becsey, Slavi Binev, Sebastian Valentin Bodu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Christian Ehler, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Benoît Hamon, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Wolf Klinz, Christoph Konrad, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Sirpa Pietikäinen, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Heide Rühle, Antolín Sánchez Presedo, Salvador Domingo Sanz Palacio, Olle Schmidt, Peter Skinner, Margarita Starkevičiūtė, Ivo Strejček, Ieke van den Burg, Cornelis Visser, Sahra Wagenknecht
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mia De Vits, Harald Ettl, Ján Hudacký, Werner Langen, Klaus-Heiner Lehne, Vladimír Maňka, Gianni Pittella, Theodor Dumitru Stolojan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Wolfgang Bulfon